# Santa Marija fl-Istatwi Titulari

Anton Scicluna

Santa Marija daħlet tant fil-qalb tal-poplu Malti u Għawdxi, li llum saret wirt Nazzjonali. Insibu leggendi, qwiel u drawwiet marbutin mal-festa ta' Santa Marija sa minn żmenijiet bikrin. Il-biedja u l-qbiela huma minsuġin ma' l-għid ta' festa. Anki x-xahar ta' Awissu huwa msejjaħ ix-xahar ta' Santa Marija. Dawra mal-gżejjer Maltin niltaqgħu ma' għadd sabiħ artistiku fejn tidħol Santa Marija bħal pittura, skultura, xogħol ta' rakkmu u tal-fidda u statwi fit-toroq fuq pedistalli jew niċeċ. Biss jiżboq dan kollu huma l-istatwi titulari ta' Santa Marija li jżejnu l-għaxar parroċċi ta' Malta u Għawdex.

## GUDJA



Dun Tumas Zammit, wild il-Gudja, ħallas bi flusu l-istatwa titulari ta' Santa Marija li nħadmet mill-iskultur Malti Vinċenzo Dimech fis-sena 1807. Hija xogħol ta' l-injam. Ħarset il-Madonna hija mixħuta lejn is-sema filwaqt li idejha miftuħin. Hija merfugħa fuq is-sħab bi rjus ta' tlett angli (puttini) ħerġin mis-sħab. Fl-1948, Antonio Sciortino għamel xi alterazzjonijiet fl- istatwa fiż-żmien meta ġiet indurata mid-ditta Coleiro tal-Belt. Meta giet restawrata fl-1987, il-pittur Għawdxi Pawlu Camilleri Cauchi ħadem fuq il-karniġjon tal-Madonna u ta' l-anġli.



## ĦAL GĦAXAQ

Minn fost l-istatwi ta' Santa Marija, dik ta' Ħal Għaxaq hija l-unika waħda li tidher ħierġa mill-qabar. Hekk wieħed jistenna meta l-festa tal-15 ta' Awissu tfakkar it-tlugħ tal-Madonna fis-sema bir-ruħ u l-ġisem. Hija xogħol ta' l-injam ta' wieħed mill-aqwa skulturi Maltin, Mariano Gerada minn Bormla, maħduma fis-sena 1808. Meta tħares lejn dik tal-Gudja, trid tgħid li forsi Gerada kien ftit u xejn influwenzat mill-binja artistika ta' l-istatwa tal-Gudja. Hija wkoll b'idejha miftuħin imtajjra lejn is-sema. Ma' ġenb riglejha naraw ukoll anġlu. Ħallset għaliha Marija Farrugia. Din l-istawa hija meqjusa bħala waħda mill-isbaħ ta' l-Assunta fil-gżejjer Maltin.



## IMQABBA

L-istatwa ta' l-Imqabba hija xogħol ta' l-injam u nġabet sollennement fil-parroċċa lejlet l-Għid ta' l-Assunta fl-14 ta' Awissu 1836, fost il-ferħ u l-briju tal-parruċċani. Hija xogħol Xandru Farrugia miż-Żejtun. Hija statwa imitazzjoni ta' l-Assunta ta' Ħal Għaxaq. Fil-fatt insibu miktub mill-kappillan ta' dak iż-żmien, Dun Tumas Agius, illi, "għax-xogħol ta' dik l-imsemmija xbiha, kien magħżul Mastru Alessandru Farrugia miż-Żejtun bin-nefqa' ta' 250 skud (madwar 21 liri Maltin), barra mill-injam li minnu kellha tinħadem, li aħna xtrajna mit-Tarzna tal-Gvern bin-nefqa' ta' 40 skud (madwar 3.3 liri Maltin). B'mudell ta' l-Imqaddsa xbiha, kulħadd qabel li tingħażel dik ta' Ħal Għaxaq."

# QRENDI

L-istawa tal-Qrendi hija xogħol ta' l-iskultur Senglean Antonio Chircop u tlestiet fis-sena 1840. Francesko Sciortino kien għamel xi modifikazzjoni fuq l-istatwa. Bħal l-istatwi kollha titulari, l-Assunta tħares lejn is-sema, b'idejha miftuħin. Għandha l-anġli taħt riglejha. Ġiet indurata fl-1945 minn Coleiro. B'differenza mill-istatwi l-oħra, is-sħab ta' taħt riglejha kien sarilha tal-fidda.





# ĦAD-DINGLI

Ir-raħal ta' Ħad-Dingli huwa wkoll iddedikat lill-Assunta. L-istatwa titulari nħadmet fl-injam mill-iskultur Rabti, Mastru Anton Busuttil fis-sena 1861. Iben Anton, Francis, kellu sehem ukoll fil-bini ta' din l-istatwa. Matul is-snin ġiet restawrata darbtejn. Fl-1934 l-anġlu li kellha tneħħa u tpoġġew iż-żewġ anġli li jidhru llum ħdejn il-Madonna. Huwa xogħol l-iskultur Għawdxi Wistin Camilleri. F'dik is-sena ġiet ukoll indurata mill-ġdid. Fis-sena 1978 reġgħet ġiet indurata fiż-żmien meta Ħad-Dingli kien qed ifakkar it-300 sena minn meta reġa' sar parroċċa. Il-pedistal li fuqu tinsab wieqfa l-istatwa huwa forma ta' sarkofagu. Hija statwa sabiħa li tiġbor warajha devozzjoni kbira. Fis-sena li saret l-istatwa kien kappillan Dun Andrea Mallija.

# ŻEBBUĠ (Għawdex)

L-istatwa nġabet fil-Knisja Arċipretali taż-Żebbuġ, Għawdex, fis-sena 1863 fi żmien il-kappillan Dun Ġwann Camilleri. Għalkemm Dun Ġwann dam biss sentejn f'din il-parroċċa baqa' magħruf għal din il-ġmiel ta' statwa artistika li ġab minn Marsilja. Irid jingħad li din kienet l-ewwel statwa ta' Santa Marija li nġabet f' Għawdex. Il-pożizzjoni tal-Madonna tassew jiġbed l-għajn. Ix-xaqliba ta' għanjejha jheġġu devozzjoni kif fil-fatt ġara matul dawn il-135 sena. L-anġli mtajjrin u mqabbdin mas-sħab jagħtuha dehra sabieħa. Anki fis-shab ta' taħt riglejha naraw żewġ putini bħal fl-istatwi l-oħra. Xogħol mill-iktar mirqum u sabiħ ta' Marsilja li saret fil-fabrika Gerlard et Fils.



# MOSTA

L-istawa ta' Santa Marija tal-Mosta hija xogħol ta' Salvatore Dimech magħruf bħala 'Sarġ'. L-istatwa hija xogħol skolpit fl-injam u kienet ġiet ippreżentata għall-wiri fir-Rotunda fis-sena 1868. Matul is-snin din l-istatwa sarulha ħafna modifikazzjonijiet. Fl-1948, Ċensu Apap biddel l-anġli f'dak li naraw illum. Mhux biss anki għawweġ ir-ras tal-Madonna 'l fuq u qassar il-mantar. Mal-puttini żied wiċċ ieħor ta' anġlu filwaqt li ċekken ukoll is-sħab f'riġlejn l-istatwa. Fl-1948 ukoll f'ras l-istatwa tpoġġa stellarju u tad-deheb. Fl-okkażżjoni ta' egħluq il-25 sena mid-Domma ta' l-Assunzjoni fl-1975, il-Kardinal Ursi poġġa ċurkett tad-deheb f'subajn l-istatwa-rigal tal-poplu Mosti. Fl-1984 reġgħet ġiet indurata minn Manwel Darmanin.





# Ħ'ATTARD

L-istatwa ta' l-Assunta ta' Ħ'Attard inħadmet f'Pariġi fl-1874. Kontra l-istatwi l-oħra l-bażi tagħha hija tat-terrakotta. Għalkemm b'idejha miftuħa, nieqsa minn dawk il-karretteristiċi li naraw fl-istatwi l-oħra ta' Santa Marija. Fis-sħab ta' taħt riġlejha jidhru biss ucuh ta' anġli. Din l-istatwa nġabet minn Pariġi fi żmien il-Kappillan Dun Ġwann Ebejjer (1869-1876).

# RABAT (Għawdex)



L-istatwa ta' Santa Marija meqjuma b'għożża fil-Katidral t'Għawdex inġabet fil-gżira fis-sena 1897 sena oħra jaħbat l-ewwel ċentinarju. Inħadmet fil-'Fabrica di statue religiose Francesco Rosa' ta' Ruma. Biex seħħ dan kien it-tħabrik ta' l-Imħallef Giuseppi Cremona li kellu warajh l-inkoraġġiment tal-Kumitat tas-Soċjetà Filarmonika 'Il Leone'. Sas-sena 1956, l-istatwa kienet proprjetà ta' l-imsemmija Soċjetà Filarmonika meta l-istess Soċjetà rregalatha lill-Knisja Katedrali fid-29 ta' 1956 fejn illum tinsab meqjuma. Biex din l-istatwa setgħet tiddaħħal il-Katidral kellu jinfetaħ biċċa mis-sur. Idejn l-istatwa li kienu jinqalgħu qabel l-1956 biex setgħet tinżamm f'dar privata ġew imwaħħlin minn Pawlu Camilleri Cauchi u anki zebaħ l-istatwa artistikament. Fl-1981 tpoġġa stellarju ta' ħaġar prezzjuż u brillanti fuq ras il-Madonna. L-istatwa hija għażiża mhux biss fost il-parruċċani tal-Katidral iżda tgawdi devozzjoni mill-Għawdxin kollha.

# MĠARR



Victor Zarb mill-Imġarr irsista biex ir-raħal ikollu l-istawa tiegħu. L-inizjattiva tiegħu ntgħoġbot u ħdax il-bidwi ħarġu bejniethom is-somma ta' Lm 91.00 (170 lira sterlina) biex setgħet tinxtara l-istatwa f'April ta' 1922. L-istatwa ġiet maħduma f'Marsilja, Franza. Hija statwa sabieħa u devota li idejha forsi miftuħin iżjed mill-istatwi l-oħra. F'dik l-istess sena saret il-purċissjoni bl-istatwa ta' Santa Marija. Refgħuha u għamlu foċina l-istess bdiewa li ħarġu l-flus biex tinxtara. Tixbaħ ħafna lill-istatwa ta' Santa Marija meqjuna fil-Katidral t'Għawdex. Il-Konti Bernardo Manduca Piscopo Macedonia Zammit irregalha stellarju biex jitqiegħed ma' ras l-istatwa. Wara t-Tieni Gwerra Dinjija l-istatwa ġiet indurata.

Ħarsa dettaljata u storika lejn dawn id-diversi statwi ta' l-Assunta mxerrdin tmienja f'Malta u tnejn f'Għawdex juru l-ppolarità awtentika li tgawddi l-festa ta' Santa Marija li tiġi ċċelebrata fil-15 ta' Awissu fil-Gżejjer Maltin. Il-Kult tal-Maltin u l-Għawdxin lejn l-istawi ta' Santa Marija jista' jitqies bħala wirt kbir Malti u jiżboq bil-wisa' lil dak ta' kull qaddis ieħor. Ħafna jistqarru li l-Għid ta' l-Assunta huwa l-Għid tal-Maltin. Forsi għalhekk ukoll il-Maltin u l-Għawdxin huma tal-fehma li Santa Marija hija l-Padruna ta' dawn il-Gżejjer.

---

JES MO ND'S

JESMOND'S
COUTURE HOUSE

**Made to measure Original Gowns for your Bridal, Mother and Going Away needs.**

*Visit our salon and see our top quality workmanship.*

192A EUCHARISTIC CONGRESS ROAD, MOSTA MST 09. Tel: 437086